**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 136/2017 CFF**

**UFFICJAL MEDIKU EWLIENI TAL-GVERN U**
**SEGRETARJU PARLAMENTARI TAS-SAHHA**

**VS**

**BERNARD VELLA**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-risposta** ta' Bernard Vella fejn espona:

Illi fl-ewwel lok l-ittra gudizzjarja hija irrita u nulla u dan stante li ma jezisti l-ebda Segretarju Parlamentari ghas-Sahha imma Ministru tas-Sahha. Illi fiz-zmien li r-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha, kien jezisti Segretarjat Parlamentari ghas-Sahha imma llum kollox gi assimilate mal-Ministeru tas-Sahha;

Illi l-esponent gie rinfaccjat b'talba biex jirrifondi s-somma ta' EUR 3478.34 rapprezentanti hlasijiet zejda ta' sahra mid-dipartiment tas-sahha;

Illi dawn il-hlasijiet saru mid-dipartiment tas-sahha stess minghajr ma ntablu mill-esponent u kwindi jekk kien hemm xi zball dan sar mid-dipartiment tas-sahha;

Illi dawn il-hlasijiet imorru lura sa qabel is-sena 2015 u kwindi t-talba ghar-rifuzjoni ta' dawn il-hlasijiet hija ormaj preskritta bi preskrizzjoni biennali;

Illi ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti esposti u fid-dawl tal-provi li se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta oppona t-talba kif dedotta mill-mittenti u talab lill-Qorti sabiex tiddikjara l-istess bhala wahda infondata fil-fatt fid-dritt u fil-mertu salv ghal kull provvdiment li l-Qorti jidhrilha opportun li timponi.

In-**Nutar Dr Christian Zammit,** jghid li meta huwa dahal jahdem bhala 'Chief of Staff', Bernard Vella kien diga impjegat bhala messaggier u xufier mal-Ministru Godfrey Farrugia gewwa s-Segretarjat tal-Ministeru. Huwa spjega li ghat-tielet kwart tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienu marru l-Ministru Farrugia u l-haddiema jilmentaw li mhux qed jigu kkompensati ghal hinijiet twal u zejda li qed jahdmu. Huwa zid jghid li kien ghaddha l-ilment lid-DG tal-Finanzi u li meta kien isaqsiha din kienet tghidlu li qed tiddiskutiha internament. Dr Zammit jghid li dina qatt ma qaltlu li kien hemm 'capping' jew problem u jghid ukoll li kien sorpriz hafna meta nqalghet il-kwistjoni ghax qatt hadd ma gibidlu l-attenzjoni fuq hlasijiet li ma kinux konformi mal-kuntratt taghhom. Meta mistoqsi huwa jghid li ma ffirmax il-kuntratt ta' Bernard Vella, izda kien hemm drabi ohra li kien xhud ta' firma. Huwa jghid li s-Segretarju Permanenti ta' dak iz-zmien kien is-Sur Joe Rapa u d-DG tal-Finanzi kienet Jacqueline Camilleri, li umbaghad irrizenjat.

**Bernard Vella** jghid li huwa kien parti mis-segretarjat u kien jahdem bhala messaggier u xufier fl-istess hin. Hu jghid li kien jinzel fl-4am biex jiftah lill-'cleaners' inaddfu u li meta kien ikun xufier kien idum hafna hinijiet twal mal-Ministru. Hu jispjega kif kienu tkelmu mal-Ministru minhabba l-hinijiet u flimkien mad-DG kien intlahaq ftehim sabiex jiehdu xi haga 'overtime', pero' mhux kollox. Is-Sur Vella jghid li ma kienx prezenti waqt il-ftehim pero' kien dahhalhom fl-ufficju Claudio Tonna, bhala 'Chief of Staff', u qalilhom li ha jiehdu persentagg zghir ghax ma jistghux jithallsu tal-'overtime' kollu.

**Jacqueline Camilleri**, li kienet Direttur Generali Finanzi u Amministrazzjoni, tghid li l-'overtime' jawtorizzah il-'Head' tad-Dipartiment umbaghad hi kienet tara li hemm il-flus fil-linja li taqa' that dak il-fondi u kienet ticcekja l-komputazzjoni. Hija kkonfermat li bil-firma taghha approvat il-komputazzjoni u li hemm fondi f'dak il-linja. Hija tkompli tghid li l-ewwel pero' rid ikun hemm l-awtorizzazzjoni tal-'head' u li huwa l-'head' li jara jekk persuna hux intitolat jew le ghal fondi. l-Sinjura Camilleri tghid ukoll li f'dan il-kaz ic-'Chief of Staff' kien japprova li persuna toqghod 'overtime' u kien hemm Mr Barberi bhala Direttur HR li huwa l-persuna li jkun jaf jekk persuna huwiex intitolat ghall-'overtime'. Hija kompliet tghid li l-kuntratti tal-impjegati ma kienux imorru ghandha gewwa l-Finanzi.

**Lorraine Calleja** pprezentat il-kuntratt li kien iffirma s-Sur Bernard Vella.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
Il-pretensjoni tal-Ufficcjal Mediku Ewlieni tal-Gvern fl-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2017 ipprezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija ghar-rifuzjoni minghand ir-rikorrent ta' somma flus rapprezentanti hlas zejjed ta' sahra, liema somma qed jigi pretiz li thallset lir-rikorrent indebitament.
Permezz tar-rikors promotur odjern, ipprezentat mir-rikorrent fis-17 ta' Mejju 2017 a tenur tal-Artiklu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara t-talba ghall-hlas maghmula fl-ittra ufficjali bhala wahda infondata stante illi ebda ammont ma huwa dovut mir-rikorrent fejn qieghed jinghad li kien hemm hlasijiet żejda ta' sahra. Illi din is-sahra kienet intalbet mill-istess Dipartiment tas-Sahha u t-talba hija preskritta bul-preskrizzjoni biennali.

**Ikkunsidrat;**
Illi qabel ma' l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kaz, irid jigi osservat li dawn il-proceduri huma komtemplati f'dak li hemm fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-procedura dahlet sabiex il-process ta' gbir ta' krediti dovuti lid-dipartimenti tal-Gvern u entitajiet ohrajn deskritti fl-istess artikolu, jkun aktar facli u immedjat. Illi ghalhekk sabiex dan il-process jinbeda hemm il-bzonn li l-Kap tad-Dipartiment koncernat jibghat permezz ta' Att Gudizzjarju b'dikjarazzjoni guramentata ta' dak li jkun qieghed jitlob. Fi kwalunkwe kaz, il-persuna li tkun notifikata biha ghandha l-fakolta li topponi ghal tali talba u fin-nuqqas li jsir hekk, dan l-Att Gudizzjarju jkollha effett ta' titolu ezekuttiv fil-konfront tal-persuna.

Illi minhabba dak li hemm fl-istess artikolu 466, hemm kriterji li jridu jigu osservati u jekk wiehed ihares lejn dak li jghid l-artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espressament jghid hekk:-

> ***466.*** *(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.*

Illi kif inghad hawn fuq u f'dak li hemm fl-istess artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-applikazzjoni taghha hija wahda ristretta u dak li hemm imfisser fiha jrid jigi segwit b'mod rigoruz fl-applikazzjoni taghha. Illi l-istess artikolu tal-ligi provdiet protezzjoni lid-debitur u dan ghaliex din il-procedura hija wahda li tqassar iz-zmien sabiex ikun jista' jinhareg titolu ezekuttiv. Illi ghalhekk huwa necessarju li kwalunkwe pretensjonijiet maghmula minn Kap ta' Dipartiment trid tigi konsidrata b'mod aktar kawt u d-definizzjoni taghha skont l-artikolu 466 ghandhu jkun wiehed ristrett.

Illi l-istess rikorrent qajjem punt dwar il-preskrizzjoni imma ghalhekk huwa necessarju qabel din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni trid tezamina jekk fil-fatt dan l-Att Gudizzjarju huwiex il-procedura li ghandha tigi applikata ghar-rkupru tal-hlas tas-sahra zejda. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk f'dawn il-proceduri ta' dan il-kaz, dak li jghid espressament l-artikolu 466 huwiex qieghed jigi segwit skont ma hemm fid-dispossizzjoni tal-Ligi.

Illi ghalhekk sabiex dawn il-proceduri jirnexxu jrid ikun hemm *dejn* dovut lid-Dipartiment in kwistjoni jew f'wahda minn dawk il-kategoriji li hemm imsemmija fl-artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Altrimenti jekk ma jkunx hekk dan l-att gudizzjarju ma jistax iservi bhala procedura ghal l-irkupru kontemplat fiha. Illi ghalhekk mhux kull haga li hija dovuta lid-Dipartiment jew entitajiet ghandha applikazzjoni taht dan l-artikolu tal-Ligi. Illi jekk wiehed ihares lejn dak li jista' jigi rkuprat bl-uzu ta' din il-procedura, hemm elenkat fis-subinciz (1) tal-Artikolu 466, cioe` dejn dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti lill-Gvern.

Illi dan il-punt tqajjem diversi drabi mill-Qrati taghna u hawnekk sejra ssir referenza ghal diversi sentenzi fuq dan is-suggett fejn fil-kawza fosthom f'kaz simili bhal dan odjern fl-ismijiet Uffiċjal Mediku Ewlieni u s-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa *vs.* Neville Gafà deciza mill-Imhallef Lawrence Mintoff nhar l-4 ta' Novembru 2020 fejn intqal hekk:

> *"Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta wkoll fejn qalet li l-proċedura speċjali li ħaseb għaliha l-leġiżlatur meta introduċa l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma kinitx intiża biex tkopri kull tip ta' kreditu dovut lil dipartimenti tal-Gvern u entitajiet governattivi oħrajn, iżda biss dawk il-krediti li hemm provvediment espress għalihom fl-imsemmi artikolu 466(1)."*

Illi ghalhekk jekk wiehed josserva l-kliem uzat li f'dan il-kaz l-uzu tal-kelma dejn dovut lill-Gvern, ir-rikorrent ma nghatax servizz mill-Gvern jew ghamel uzu minn xi haga ohra msemmija fl-artikolu 466 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Imma r-rikorrent kien impjegat u thallas tax-xoghol tieghu u ghalhekk il-pretensjonijiet

imqajma fl-att gudizzjarju kien dwar hlas ta' sahra zejda izda zgur mhux dejn relattat ma' xi servizz jew provista lill-allegat debitur. Illi f'dan il-kaz lanqas ma tista' l-pretensjoni in kwistjoni jitqiesu bhala penali, kumpens, dritt jew taxxa dovuta lill-Gvern. F'dan il-kaz l-intimati agixxew ghal rifuzjoni ta' ammont allegatament imhallas zejjed, u ghalhekk l-azzjoni taghhom mhijiex ghall-gbir ta' dejn fis-sens imfisser mill-Artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz huwa evidenti li l-pretensjoni ma tinkwadrax ghal dak li hemm fl-artikolu466(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk din l-imsemmija procedura specjali l-intimati ma setghux jaghmlu uzu minn din il-procedura ghal hlas zejjed ta' sahra li huma hallsu indebitament lir-rikorrent.

Il-Qorti tqis li ghandha l-fakulta u l-obbligu fil-ligi li hi stess tqajjem kwistjoni procedurali ta' nullita' tal-att gudizzjarju bin-numru 1237/2017 li in vista tieghu gie pprezentat ir-rikors odjern. Dana abbazi tal-fatt li l-ammont pretiz ma jaqax f'dak li hemm imfisser fl-artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghal dan l-iskop il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **Amato Gauci Veronique et vs Zammit Marco et** deciza mill-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fid-19 ta` Mejju 2004, il-Qorti rriferiet ghal serje ta` decizjonijiet moghtija f`dan is-sens u kkwotathom, fosthom is-segwenti:

> *"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m`ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma` kawza, l-Qorti tista` "ex-officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta` ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta` Mandat in Factum fejn il-Qorti tista` "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta` dan il-Mandat (ara **Xuereb vs Xuereb** Appell 27 ta` Marzu, 2003)…*
>
> *"Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – **"Joseph Gatt –vs- Joseph Galea"**, Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; **"Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo"**, Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976;*
>
> *2. "Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" –**"Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe"**, Appell Kummercjali, 31 ta` Jannar 1991;*
>
> *"Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta` ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk" – **"Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et",** Qorti tal-Kummerc, 9 ta` April 1992.*

F'**Baldacchino Maria *vs* Pace Edwin** deciza mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003, il-Prim Awla kkonfermat ukoll illi punt procedurali jista' jigi sollevat *ex officio:-*

> *"Dan premess, il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ jeżisti punt proċedurali assorbenti li l-Qorti għandha d-dmir li tissolleva ex officio u tiddeċidieh, avolja ma ġiex hekk sollevat mill-konvenut: ... Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Markiż Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace et**, Appell Ċivili, 15 ta' Ottubru 1965, 'il-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku. Għalhekk ma jistax jiġi ammess li proċedura stabbilita mil-liġi tiġi sostitwita b'oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eċċezzjoni relattiva, jekk ma tiġix sollevata, jew tiġi rinunzjata mill-parti l-oħra, għandha tiġi sollevata mill-Qorti ex officio.*

F' dan il-kaz partikolari, din il-Qorti tqies li dan il-punt jista' jitqajjem *ex officio* dwar in-nullita' o meno ta' din il-procedura addottata fil-kaz odjern stante li l-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku.

**Ikkunsidrat;**
Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-procedura li biha mxew biha l-intimati ma saritx taht dak li jistipola l-artikolu 466 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-effett mahsub mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 466(2) maghmula u mfassla b'dan il-mod, id-dikjarazzjoni guramentata u t-talba relattiva bl-att gudizzjarju tat-28 ta' April 2017, ma jiswewx ghall-finijiet tal-Artikolu 466.

Il-Qorti ghalhekk wara li qajmet il-kwistjoni dwar il-procedura adoperata ma tinkwadrax ghal dak li hemm fl-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija tal-fehma li m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-mertu tal-kaz jew inkella dwar il-preskrizzjoni mqajjma mir-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi d-dikjarazzjoni guramentata notifikata lir-rikorrent bl-att gudizzjarju bin-numru 1237/2017 pprezentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija bla effett u konsegwentement hija wkoll infondata t-talba hekk dedotta, u f'dan is-sens biss tilqa' t-talba tar-rikorrent fir-Rikors promotur, b'kull rizerva si et quatenus ta' kull dritt ta' azzjoni ohra spettanti lill-intimati kontra r-rikorrent ghar-rifuzjoni tal-ammont pretiz.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**